MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR**
**MARIA KARLSSON**

Seduta ta' l-10 ta' Mejju, 2007

Talba Numru. 1595/2004

**Gasan Mamo Insurance Limited (C3143 kif surrogata fid-drittijiet tal-assikurat taghha Anthony Sciberras u l-istess Anthony Sciberras**

**vs**

**Sandro Piscopo u b'digriet ta' 3 ta' Mejju, 2006 giet kjamat in kawza Karen Sciberras**

**It-Tribunal ,**

Ra l-Avviz li permezz tieghu l-atturi talbu hlas mill-konvenut li huwa debitur tal-atturi fis-somma ta' hames mija u tnax-il Lira Maltin erbgha u sittin centezmi (LM512.64) u dana in kwantu ghas-somma ta' erba' mija u sebgha u tmenin Lira Maltija (LM487.64) lis-socjeta' assikuratrici u s-somma ta' hamsa u ghoxrin Lira Maltija (LM25.00) lill-attur Anthony Sciberras, rappresentanti

danni li sofrew l-atturi meta l-konvenut fid-19 ta’ Awissu, 2002 gewwa Santa Lucia ghamel volontarjament hsara fil-vettura numri XIB-373 proprjeta’ tal-attur Anthony Sciberras u ghall-liema hsara huwa ghalih unikament responsabbli.

Bl-ispejjez komprizi dawk tal-ittra legali datata 22 ta’ Dicembru, 2003 kontra l-konvenut u tal-parir hmistax il-Lira Maltija (LM15.00) bl-imghax  kontra l-istess konvenut li huwa minn issa ngunt ghas-subizzjoni.

Ra lli t-talba giet prezentata fit-13 ta’ Awissu, 2004.

Ra r-Risposta tal-konvenut konvenut Sandro Piscopo fejn gie sollevat illi preliminarjament it-talba attrici hija preskritta;

Illi inoltre l-eccipjent mhuwiex responsabbli ghall-allegat incident;

Illi l-eccipjent m’ghandux jinzamm responsabbli ghad-danni reklamati ,mill-atturi;

Salv eccezjonijiet ulterjuri.

Ra lli  b’digriet tat-3 ta’ Mejju, 2006 giet kjamata in kawza Karen Sciberras.

Ra r-risposta tal-kjamata in kawza fejn gie sollevat illi  l-ebda ammont huwa dovut minnha lis-socjeta attrici.

Illi kwalsiasi ammont dovut lis-socjeta’ attrici ghal hsarat ikkagunati fuq il-vettura numru XIB-373 fid-19 ta’ Awissu, 2002 huma dovuti minn Sandro Piscopo billi kien huwa li kkaguna l-hsarat fuq din il-vettura. Anki l-ammont lis-sid il-vettura Anthony Sciberras huwa dovut minn Sandro Piscopo.

Salv eccezzjonijiet ohra.

Ra lli fil-15 ta’ Novembru, 2006 id-difensur tal-konvenuta kjamat in kawza Karen Sciberras issolleva l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni ai termini tal-Artiklu 2153 Kap.12

Ra lli fid-19 ta’ Jannar, 2007 giet sollevata eccezzjoni ulterjuri mill-konvenut Sandro Piscopo, fis-sens illi l-ammont mitlub fl-avviz m’huwiex dovut mill-konvenut Sandro Piscopo izda minn Karen Sciberras, kjamat in kawza, u dana a tenur tal-Artiklu 10 V (b) tal-kuntratt ta’ separazzjoni datat 2 ta’ Gunju, 2006 li jinsab prezentat fil-process.

Ra lli fl-stess seduta d-difensur tal-kjamat in kawza oggezzjona ghal din l-eccezzjoni tal-konvenut Piscopo peress illi din m’hijiex eccezzjoni perentorja u ma tistax titqajjem fi kwalunkwe’ stadju in vista tal-fatt illi l-konvenut kien konsapevoli tal-kuntratt ta’ separazzjoni, anke fil-mument tal-prezentata tal-eccezzjonijiet tieghu.

Illi l-partijiet talbu provvediment minn dan it-Tribunal.

Illi t-Tribunal iddecieda lli jichad l-eccezzjoni tal-konvenut Sandro Piscopo f’dak l-istadju, izda ipprovda lli jiehu nkonsiderazzjoni il-kuntratt ta’ separazzjoni, partikolarment il-klawzola 10V (b) fid-decizjoni finali tal-kawza.

Ra x-xhieda ta’Albert Portelli, Karen Sciberras, John Callus, Anthony Sciberras, PS 1495 Joe Muscat.

Ra d-dokumenti u l-Atti kollha tal-Kawza.

Sema’ t-trattazzjoni tas-socjeta’ attrici.

Ikkunsidra:

Illi din il-kawza tirrigwarda danni sofferti wara hsarat subiti fil-vettura numru XIB-373 proprjeta’ ta’ Anthony Sciberras u ghall-liema danni ghamlitlu tajjeb is-socjeta’ attrici u ghall-liema danni huwa allegatament responsabbli l-konvenut u ghall-liema allegazzjonijiet il-konvenut cahad.

Skond ix-xhieda ta’ Karen Sciberras hija tghid illi fiz-zmiem li gara l-incident hija kienet ghadha mizzewga mall-konvenut izda minn dak iz-zmien huma sseparaw legalment. Illi fil-jum tal-incident marret tigbor lit-tifla minn Santa Lucia u waqt li kienet hemm avvicinaha il-konvenut u ta’ daqqiet ta’ sieq fil-bieba tal-karozza waqt illi kemm hi u kemm it-tifla kienu fil-karozza. Ix-xhud tghid illi kellha izzom il-bieba tal-karozza waqt li saqet lejn l-Ghassa tal-Pulizija sabiex taghmel rapport.

Illi id-difensuri tal-konvenut issollevaw eccezzjoni ulterjuri fejn infurmaw lit-Tribunal illi l-ammont mitlub fl-avviz m’huwiex dovut mill-konvenut Sandro Piscopo izda minn Karen Sciberras, kjamat in kawza, u dana a tenur tal-Artiklu 10 V (b) tal-kuntratt ta’ separazzjoni datat 2 ta’ Gunju, 2006 li jinsab prezentat fil-process.

Ra lli fl-stess seduta d-difensur tal-kjamat in kawza oggezzjona ghal din l-eccezzjoni peress illi din m’hijiex eccezzjoni perentorja u ma tistax titqajjem fi kwalunkwe’ stadju in vista tal-fatt illi l-konvenut kien konsapevoli tal-kuntratt ta’ separazzjoni, anke fil-mument tal-prezentata tal-eccezzjonijiet tieghu.

Illi t-Tribunal huwa tal-fehma lli l-kuntratt ta’ separazzjoni li ntlahaq wara li bdew il-proceduri kontra l-konvenut f’din il-kawza, huwa kuntratt bejn zewg persuni u huwa kuntratt bilaterali u privat li jorbot zewg partijiet. Illi skond l-artiklu 10Vb jinghad ‘ Dwar id-dejn tal-volta gravanti l-kommunjoni tal-akkwisti ezistenti bejn il-partijiet, l-istess partiijiet jaqblu segwenti: b) il-partijiet qieghdin jiddikjaraw illi jekk jirrizulta xi dejn gravanti lil-kommunjoni tal-akkwisti favur il-familjari ta’ xi wiehed jew wahda mill-partijiet, tali dejn jithallas mill-parti illi tkun hekk relatat mall-kreditur.’

Illi dan il-kuntratt ta’ separazzjoni datat 2 ta’ Gunju, 2005 isejjah lil Sandro Piscopo u Karen Piscopo, li ta’ l-ahhar illum tissejjah Sciberras. Illi fil-kawza odjerna s-socjeta’ attrici giet surrogata fid-drittijiet tal-assikurat taghha Anthony Sciberras in kwantu ghar-rizarciment tad-danni sofferti. Illi l-atturi f’din il-kawza huma s-socjeta’ attrici kif ukoll Anthony Sciberras, li qed jitlob rifuzjoni ta’ hamsa u

ghoxrin Lira Maltin (LM25.00) *excess* imhallsa minnu ghall-assikurazzjoni tal-vettura tieghu.

Illi fil-fehma tat-Tribunal l-ammont mitlub fil-konfront tas-socjeta' attrici huwa ta' erba' mija u sebgha u tmenin Lira Maltin u erbgha u sittin centezmu (LM487.64) fil-waqt illi fil-konfront ta' Sandro Piscopo l-ammont mitlub fl-avviz huwa ta' hamsa u ghoxrin Lira (LM25.00)

Illi l-ammont mitlub fil-konfront tas-socjeta' attrici mhuwiex dejn favur il-familjari ta' xi wiehed jew wahda mill-partijiet, izda dejn favur is-socjeta' attrici u ghalhekk din il-klawzola 10Vb tal-kuntratt ta' separazzjoni f'dan il-kaz qatt ma tistax tigi meqjusa.

Illi l-ammont mitlub fil-konfront tal-attur Anthony Sciberras huwa dejn favur il-familjari ta' xi wiehed jew wahda mill-partijiet izda dan id-dejn huwa ta' hamsa u ghoxrin Lira Maltin (LM25.00) u semmaj huwa dan l-ammont li jista' jaqa' taht il-klawzola 10Vb tal-kuntratt ta' separazzjoni personali bejn il-konvenut Piscop u l-konvenuta kjamat in kawza Karen Sciberras.

Izda, it-Tribunal huwa tal-fehma illi kuntratt ta' separazzjoni personali huwa kuntratt personali bejn zewg partijiet liema obbligi ma jistghux jigu enforzati f'kawza bhalma it-Tribunal ghandu quddiemu.

Illi t-Tribunal jidhirlu lli ghar-ragunijiet fuq moghtija, m'ghandux ghalfejn jiehu konjizzjoni tal-kuntratt ta' separazzjoni personali bejn il-konvenut u l-kjamat in kawza sabiex jasal ghal konkluzjoni gusta ta' din il-kawza.

Illi fil-fehma tat-Tribunal ghandu jmur oltre u qabel ma jidhol fil-mertu ghandu jikkunsidra l-eccezjonijiet ta' preskrizzjoni sollevati kemm mill-konvenut u l-konvenuta kjamat in kawza

Illi dwar l-eccezzjoni ta' preskrizzjoni a tenur tal-artiklu 2153 tal-Kap 16 fil-konfront tal-konvenut Piscopo u cioe' il-preskrizzjoni ta' sentejn, jidher mill-Atti tal-kawza illi din

l-eccezzjoni qatt ma giet trattata. Xehed Albert Portelli fejn ikkonferma li l-kawza giet intavolata fit-13 ta’ Awissu, 2004. Illi l-hsara saret fid-19 ta’ Awissu, 2002.

Illi skond dan it-Tribunal it-talba fil-konfront tal-konvenut Piscopo mhijiex preskritta a tenur tal-artiklu 2153 tal-Kap 16.

Dwar l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni a tenur tal-Artiklu 2153 tal-Kap 16, sollevata mill-kjamat in kawza Karen Sciberras fil-konfront taghha stess, it-Tribunal jidhirlu lli l-eccezzjoni fil-konfront tal-kjamat in kawza hija preskritta ai termini tal-Artiklu 2153 tal-Kap.16 peress illi l-incident sehh fid-19 ta’ Awissu, 2002 u l-kjamat in kawza Sciberras giet notifikata bl-Atti tal-kawza fl-20 ta’ Mejju, 2006 u cioe’ izjed minn sentejn wara l-incident.

In oltre, peress illi t-Tribunal isib illi t-talba fil-konfront tal-kjamat in kawza Karen Sciberras hija preskritta, kwalunkwe’ eccezzjoni ohra maghmula fil-konfront taghha mill-konvenut Piscopo ghandha taqa’ inkluza l-eccezzjoni ulterjuri sollevata mill-konvenut Sandro Piscopo fil-konfront ta’ Karen Sciberras, kjamat in kawza fejn jghid illi Sciberras ghandha tkun responsabbli ghad-danni subiti mill-atturi u dana a tenur ta-Artiklu 10 v (b) tal-kuntratt ta’ separazzjoni datat 2 ta’ Gunju, 2005 liema kuntratt jinsab prezentat fil-process.

It-Tribunal huwa tal-fehma li dwar l-eccezzjoni ulterjuri sollevata mill-konvenut Piscopo dwar klawzola 10Vb tal-kuntratt ta’ separazjoni personali, ghalkemm it-Tribunal wasal ghal konkluzjonijiet tieghu, ghar-ragunijiet fuq moghtija, it-Tribunal f’dan il-kaz ma kellux ghalfejn jikkunsidra l-kuntratt ta’ separazzjoni personali sabiex jasal ghal konkluzjoni gusta ta’ din il-kawza.

Illi dwar il-mertu jidher illi fil-konfront tal-konvenut Sandro Piscopo, skond ix-xhieda tal-kjamat in kawza kif ukoll tar-rapport tal-Pulizija kkonfermat mill-PS1495 il-hsara kienet saret u giet irraportata l-Ghassa tal-Pulizija fid-19 ta’ Awissu, 2002 kif intqal u gie deskritt lil Pulizija mill-kjamat in kawza Karen Sciberras u cioe’ li l-konvenut Sandro

Piscopo kien huwa li kkaguna l-hsarat fuq il-vettura bi numru ta' registrazzjoni XIB-373 u illi ghandu jinzamm responsabbli ghall-ammont mitlub ta' hamsa u ghoxrin Lira Maltin (LM25.00), li huma dovuti lis-sid tal-vettura.

Illi it-Tribunal ma jhoss illi m'ghandux ma jemminx il-verzjoni moghtija mill-kjamat in kawza Karen Sciberras.

Fic-cirkostanzi, t-Tribunal jaqta' u jiddeciedi billi jilqa' t-talbiet attrici, jiddikjara li fil-konfront tal-kjamat in kawza Karen Sciberras it-talbiet huma preskritti, fil-waqt illi jichad l-eccezzjonijiet tal-konvenut Sandro Piscopo u jikkundanah ihallas s-somma ta' hames mija u tnax-il Lira Maltin (LM512.64) lill-konvenuti bl-ispejjez kif mitluba fl-avviz u bl-mghaxijiet mid-data tas-sentenza sall-pagament effettiv.

Spejjez a karigu tal-konvenut Sandro Piscopo.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------